Paġna 1 / 3

| | |
|---|---|
| Numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: | 1 4 1 0 |
| Pajjiż: | M T |
| Numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent: | 1 7 1 0 |
| Iż-żewġ lingwi involuti: | E N > M T |
| Inizjali tal-istudent: | S F |
| Sena tat-twelid tal-istudent: | 1 9 9 8 |

Flimkien fi Sierra Leone.

Diġa' ilni għaxart ijiem hawnhekk, għalhekk issa qiegħda nidra ngħix f'dinja kompletament differenti minn dik indorrija biħa. Qiegħda ġo grupp, fejn qed narmaw l-imwejjed u nwaħħlu l-'blackboards' u l-ixkaffef ġol-iskejjel. Meta l-epidemija tal-Ebola kienet fl-agħar tagħha, il-Gvern kellu jagħlaq il-maġġoranza tal-iskejjel, u sfortunatament ħafna minnhom ġew vandalizzati. Twieqi mifqugħin, bibien imkissra, u ħafna mill-għamara ġiet ~~misra~~ misruqa. Hawn ħafna xi jsir, u ħa ngħidlek, diffiċli meta tkun qed taħdem il-ġurnata kollha! Għaqdiet ~~karitto~~ karitattivi ~~ev~~ principali tal-Unjoni Ewropeja qed jaħdmu flimkien fuq programm ta' żvilupp sostenibbli, u l-edukazzjoni hija waħda mill-aspetti ewlenin, għalhekk huwa kruċjali li l-iskola titlesta u tibda tintuża mill-aktar fis possibbli.

B'xorti tajba, hawnhekk it-tfal ħerqana ħafna għall-iskola (mhux bħal kif niftakar jien meta kont għadni l-iskola; kulħadd moħħu fil-brejk), allura m'hawnx problema ta' assenteiżmu. Iżda jekk isibu xogħol, il-faqar li hawn jinkoraġġihom jiefqu jistudjaw u jibqgħu jaħdmu. L-inizzjattivi ta' tisbieħ, jagħmlu parti minn programm

Numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 1 4 1 0

Pajjiż: M T

Numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent: 1 7 1 0

Iż-żewġ lingwi involuti: E N > M T

Inizjali tal-istudent: S F

Sena tat-twelid tal-istudent: 1 9 9 3

magħmul biex jgħaqqad is-sertan, ir-reabilitazzjoni u l-iżvilupp. l-iskejjel għandhom ukoll l-irwol li jwasslu messaġġ dwar l-importanza tal-iġjene, u huwa propju għalhekk għalfejn għandna naħdmu b'rata mgħaġġla. Tinstema' stramba, però biex jevitaw li l-marda tinxtered meta l-iskola terġa tinfetaħ, l-istudenti ma jistgħux jagħmlu kuntatt fiżiku. Għalkemm ma nafx kif tista' twaqqafhom milli jilagħbu l-futbol!

Hawnhekk in-nies ilhom diversi xhur mingħajr servizzi bażiċi u l-indaqa, u l-ilma nadif għadhom ~~jitqiesu bħala~~ problema. Jien ħsibt li ser inkunu qed inħaffru l-bjar jew nagħmlu xi proġett simili, però l-organizzaturi tal-proġett spjegawlna kif għal xogħolijiet bħal dawk jużaw esperti li jaħdmu mal-popolazzjoni lokali, u jkun aħjar jekk aħna ninvolvu ruħna f'proġetti li jibagħtu messaġġ ta' tama għal futur aħjar.

Il-voluntiera l-oħra ġejjin minn madwar l-Ewropa kollha, u huma nies tal-ġenn. Ġeneralment nikkomunikaw bl-Ingliż, però qed nipprattika xi ftit il-Ġermaniż ma' student minn Hamburg. In-nies tal-lokal huma eċċezzjonali. Naf li il-ħin

Numru ta' reġistrazzjoni tal-iskola: 1 4 1 0

Pajjiż: M T

Numru tal-bażi tad-dejta tal-istudent: 1 7 1 0

Iż-żewġ lingwi involuti: E N > M T

Inizjali tal-istudent: S F

Sena tat-twelid tal-istudent: 1 9 9 8

kollu nisimgħu dawk il-klixès li għalkemm foqra xorta jgħixu kuntenti, però jkolli nistqarr li huwa veru. Tant huma nies pożittivi u determinati li jibnu futur aħjar għalihom u għal ta' madwarhom, li nistħi kif ukoll nirrabja meta naħseb fuq kemm ingergru, meta fuq kollox aħna tassew ixxurtjati ikkumparati magħhom.

L-iskola fejn qed naħdem għandha terġa' tiftaħ tliet ġimgħat oħra. Minix se nkun hawn biex naraha lesta, però għalliema qaltilna li se jħejju festin kbir, nista' biss nimmaġina kif se jkun!